# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, it-Tnejn 18 ta' Novembru, 2024**

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 11/2018 ISB**

**Suzanne Mifsud (I.D. 575763M); u b'digriet tas-17 ta' Novembru 2023 l-isem "Suzanne Mifsud" ġie jaqra "Suzanne Attard ġja Mifsud"**

**vs**

**CityPro Limited (C-26902) u**

**Edgar Mifsud (I.D. 402463M)**

**SENTENZA IN PARTE DWAR L-EĊĊEZZJONI ULTERJURI MRESSQA L-QUDDIEM MILL-INTIMATI CITYPRO LIMITED U EDGAR MIFSUD B'RISPOSTA ULTERJURI TAD-29 TA' FRAR 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-RIsposta **Ulterjuri** tal-intimati **CityPro Limited u Edgar Mifsud**, intavolata fid-29 ta' Frar 2024 (fol 1086) wara l-awtorizzazzjoni mogħtija b'digriet tat-23 ta' Frar 2024, u li permezz tagħha l-istess intimati eċċepew li r-rikorrenti Suzanne Attard ġja Mifsud, in segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Ġunju 2023 fil-kawża 119/2014/1, m'għadx għandha l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tkompli l-proċeduri odjerni.

Rat l-affidavit ta' **Suzanne Attard ġja Mifsud** intavolat fl-20 ta' Mejju 2024 (fol 1089 sa fol 1091) fejn hi tispjega li hi għandha interess fil-kawża odjerna stante li hi kienet għadha azzjonista ta' CityPro Limited sas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Ġunju 2023 fl-ismijiet **Suzanne Mifsud vs Edgar Mifsud** (Kawża numru 119/2014 AGV) u għandha kull dritt li tieħu kumpens tal-qliegħ li dik il-kumpannija suppost għamlet sa dakinhar u anke tat-telf tagħha li ġarrbet minħabba l-aġir ta' Edgar Mifsud u ta' CityPro Limited (li ġie minnha elenkat fl-istess affidavit) u dan flimkien mas-salarju li suppost irċeviet fl-ammont ta' mija u tlieta u għoxrin elf Ewro (€123,000).

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2024, il-partijiet trattaw l-istess eċċezzjoni, u l-kawża tħalliet għall-udjenza ta' llum għas-sentenza *in parte.*

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawża giet intavolata fl-10 ta' Awissu 2018 u saret a tenur tal-**Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid testwalment hekk:

> ***402***.*(1) Kull **membru ta' kumpanija** li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpanija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux ġust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju, għalmembru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in ġenerali, jista' jagħmel rikors lill-qorti għal ordni taħtdan l-artikolu.*

Il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimati hija bbażata fuq il-fatt illi permezz tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Suzanne Mifsud vs Edgar Mifsud** deċiża fit-22 ta' Ġunju 2023 (kopja informi tinsab a fol 1052), u li ġie kkonfermat mill-partijiet fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2024 illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell msemmija hija wkoll insinwata, il-kumpanija intimata CityPro Limited ġiet assenjata fl-interita` tagħha lil Edgar Mifsud u għalhekk ċertament li r-rikorrenti Suzanne Attard ġja Mifsud, illum, m'għadhiex membru u m'għadx għandha involviment fl-istess kumpanija u konsegwentament m'għadx għandha l-interess rikjest mil-liġi fil-proċeduri odjerni.

Il-Qorti tqis ukoll illi r-rikorrenti qed tinsisti li għad għandha l-interess neċessarju fil-proċeduri odjerni stante telf u danni personali li ġarrbet minħabba t-tmexxija allegatament ħażina tal-istess kumpanija minn Edgar Mifsud.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Il-Qorti tibda biex tqis illi minn qari tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li wasslet biex l-intimati ressqu din l-eċċezzjoni ulterjuri, jidher ċar u inekwivoku illi s-soċjeta' kummerċjali CityPro Limited ġiet assenjata lill-intimat Edgar Mifsud, u minnimkien ma jirriżulta illi hemm xi proviso jew mod ieħor ġew salvagwardati d-drittijiet litiġjużi tar-rikorrenti f'din il-kawża li forsi setgħu wassluha tagħmel l-argumenti tagħha kif hawn fuq indikat. Mhux magħruf jekk ir-rikorrenti kelliex pretensjoni f'dan is-sens – li huwa ċar pero` hu illi bis-sentenza msemmija mill-Qorti tal-Appell illi tagħmel ġudikat bejn il-partijiet fl-affarijiet familjari tagħhom, il-Qorti tal-Appell ma tat jew irriżervat ebda drittijiet litiġjuzi favur tar-rikorrenti fir-rigward tal-kumpannija illi ġiet assenjata lill-intimat.

Il-Qorti rat sew il-kliem tal-Artikolu 402 tal-Kap 386 u tqis illi dan ma jħalli ebda dubju li sabiex wieħed jinizjala u jmexxi proċedura bħal din, huwa meħtieġ illi jkun membru f'dik il-kumpanija.

Jibda' biex jingħad illi l-Artikolu 2 tal-KAP 386 jagħti definizzjoni ta' "membru", bħala:

> *ħlief fejn speċifikament imfisser xort'oħra, tfisserazzjonista ta' kumpanija u soċju f'kull soċjetà kummerċjali oħra.*

L-Artiklu 2 tal-KAP 386 jagħti ukoll definizzjoni ta' "azzjonista" bħala:

> *persuna reġistrata fir-reġistru ta' kumpanijaskont l-artikolu 123*

Issa l-Qorti tosserva l-konklużjonijiet tagħha kif diversament preseduta, fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Brace Adonis vs Braai Masters Co Ltd et** deċiża fit-18 ta' Marzu 2021 fejn il-Qorti osservat:

*Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) fl-4 ta` Frar 2009 fil-kawza "**Ellis v. Ellis**" inghad hekk :–*

*Jibda biex jinghad li dan il-provvediment jista` jigi nvokat **mill-membri kollha**, u mhux biss minn membri minoritarji u m`hemmx dubju li d-diskrezzjoni u l-poteri moghtija lill-qorti f`dan il-kuntest huma wesghin. Minn dan il-provvediment hu evidenti li :*

*(a) Dan il-provvediment japplika wkoll f`kaz ta` att jew ommissjoni izolata ;*

*(b) Ir-rimedju jista` jinghata kemm ghal dak li jkun gara fil-passat u wkoll xi att propost li jsir fil-futur ;*

*(c) L-ilment jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija.*

*Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Marzu 2007 fil-kawża "**Vella et v. Vella Brothers Ltd et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–*

*… l-Artikolu 402 tal-Att dwar il-kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa` lill-Qrati **u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali**, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita` li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta` li fiha huma jkollhom interess*

*…*

*din id-disposizzjoni, li hija bbazata fuq l-Art.459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex ikun jista` jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta` partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista` jsofri, pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija*. ***Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali tal-azzjonisti***. *Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` possibilita` ("**Vincent Monreal et v. Lino Delia noe**" deciza mill- Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Mejju,1999). Infatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza* ***in re Bovey Hotel Ventures Ltd*** *[(1983) B.C.L.C. 290] li `the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned".*

*….*

*Fis-sentenza "**Monreal et vs Delia noe**" (op. cit.) inghad :–*

***Dawn il-provedimenti huma ta` salvagwardja u ta` protezzjoni ghall-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, b`mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta` socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta` socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista` jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f`kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista` jsofri xi pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja.*** *Tali gestjoni tista` tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni talkumpanija. Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghallinteressi in generali tal-azzjonisti. In vista ta` dan kollu jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista` jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista` tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel.*

Oltre` minn hekk, il-Qorti tosserva wkoll is-sub-artikolu 402(6) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid testwalment hekk:

> (6) F'dan l-artikolu, il-kelma "membru" tinkludi persuna li legalment tista' tirrappreżenta l-interessi ta' membru mejjet, persuna li għandha jkunu għaddew leġittimament azzjonijiet fil-kumpanija b'wirt testamentarju jew mhux testamentarju, u trustee kif imfisser fl-artikolu 127 li jkollu azzjonijiet fil-kumpanija.

B'hekk, b'dan is-sub-artikolu l-leġislatur għamilha ċara lil min ried jinkludi fid-definizzjoni ta' membru ghal finijiet ta' azzjoni meħuda ai termini tal-Artikolu 402, liema definizzjoni ma tinkludix u ma ġietx estiża għal ex-membru ta' kumpanija.

Fil-kawża **Dorita Galea vs Random Consulting Limited et**, (29/2019JZM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Marzu 2021, il-Qorti qalet hekk:

> *In kwantu ghad-dottrina Maltija,* ***Andrew Muscat*** *fil-"****Principles of Maltese Company Law****" (Vol Three – Second Edition - MUP) Pg 1298 et seq ighid hekk –*
>
> *The requirement for a "member" to have been entered into the register of members can well prove to be a stumbling block to the successful exercise of the action …*
>
> *Art 402(6) does not however cater for the situation where shares have been transferred or transmitted by operation of law other than by intestate succession. Thus, for example, in the case of a division of a company, if shares held by the company to be divided are allocated to a particular recipient company, that*

*recipient company* *<u>will need</u>* *to be registered in the register of members of the company in which the 19 shares are held if such recipient company is to have locus standi to file an action under article 402.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħruf dan l-insenjament u applikat għal każ odjern, m'hemm ebda dubju f'moħħ din il-Qorti li meta l-azzjoni ġiet intavolata, r-rikorrenti kienet fil-fatt membru fl-istess kumpanija u fil-fatt kif spjegat minnha stess fir-rikors promotur, dak iż-żmien kellha numru ta' ishma fl-istess kumpanija. Ma jistax jingħad li s-sitwazzjoni hija l-istess illum u dana stante li permezz tal-kawża ta' separazzjoni personali fuq ċitata, l-ishma kollha tal-kumpanija *de quo* llum għaddew għand l-intimat Edgar Mifsud.

Għalhekk la darba huwa ċar li r-rikorrenti m'għadhiex membru tal-kumpanija CityPro Limited u la darba l-Artikolu 402 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jiġi invokat biss minn membru ta' kumpanija, ukoll u possibilment fid-definizzjoni aktar wiesgħa kif mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawża **Dorita Galea vs Random Consulting Limited et,** din il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimati u tiddikjara li r-rikorrenti m'għadx għandha l-interess ġuridiku neċessarju sabiex titkompla l-azzjoni minnha intavolata.

Il-Qorti ssib konfort ukoll fid-dottrina ben spjegata fis-sentenza **Tarcisio u Grace konjugi Rapa vs Winston Montanaro Gauci u s-socjeta' Minor Quay Limited**, (15/1998PC) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2016, fejn ingħad hekk:

*L-interess ġuridiku tal-attur (li kif fuq spjegat irid ikun ibbażat fuq dritt) irid jissussisti tul il-ħajja tal-azzjoni, u jekk tali interess jiġi nieqes il-kawża ma tistax titkompla. Hekk ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet "George Laferla et vs Joseph Lauri et noe", deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Mejju 2002 fejn ġie spjegat li:*

*"Huwa risaput li l-interess tal-attur f'kawża jrid jibqa' jissussisti matul il-ħajja tal-azzjoni, għaliex jekk tali interess jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista' tissokta (ara 'Calleja vs Micallef' deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' April 1992, u 'Sammut vs Attard' deċiża wkoll mill-istess Qorti tal-Appell fis-17 ta' Frar 1993)."*

**GĦALDAQSTANT, din il-Qorti, wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha kif hawn fuq jingħad, qed tgħaddi biex tilqa' ir-risposta ulterjuri tal-intimati kif dedotta minnhom fid-29 ta' Frar 2024 u tiddikjara illi r-rikorrenti Suzanne Attard gja Mifsud ma għadx għandha l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tkompli b'din il-kawża, u konsegwentament tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża.**

**Kull parti tbati hi l-ispejjeż u d-drittijiet tagħha relatati ma' dawn il-proċeduri.**

**Ian Spiteri Bailey**<br>**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**<br>**Deputat Reġistratur**